SANNAT

Minuti tat-tmintax il-laqgħa tas-seba' tal-Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 19 ta' Lulju 2010 fis-7.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

868 Kif bdiet l-laqgħa, is-Segretarju għal darba oħra talab ġustifikazzjoni tar-rating u l-kummenti li sarulu. Minn naħħa tiegħu s-Sindku ħass li din hi intimidazzjoni għaliex is-Segretarju qal li lest li jieħu passi legali jekk ma jingħatax din il-ġustifikazzjoni. Is-Sindku qallu biex jagħmel appuntament miegħu. Dan il-PMP ġie ffirmat mis-Sindku fil-25 ta' Ġunju 2010 u kellu jasal id-Dipartiment sat-2 ta' Lulju 2010 għaliex jekk ma jiġux osservati l-istruzzjonijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill jiġi mmultat. Dan tħalla l-uffiċċju mis-Sindku u hu ma resaqx lejn l-uffiċċju qabel il-laqgħa li saret fit-30 ta' Ġunju 2010. Dan intbagħat mhux iffirmat mis-Segretarju fl-1 ta' Lulju 2010 għaliex ma ngħatax ġustifikazzjoni tar-rating u l-kummenti li saru li ma kienx jaqbel magħhom.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

869 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru sbatax li saret fit-30 ta' Ġunju 2010.

**Item 2. Mill-Minuti**

870 *(para. 747)* Is-Segretarju ċempel lill-perit Gordon Vella rigward l-istudju tal-irziezet. Il-perit Gordon Vella ġie waqt il-laqgħa tal-Kunsill beix jitkellem mal-Kunsill. Hu kkonferma waqt il-laqgħa li aċċetta l-kundizzjonijiet skont l-ittra tal-Kunsill biex jiġu rregolati s-sitwazzjonijiet fattwali fir-rigward ta' x'għandhom jirranġaw fil-permessi tagħhom. Għandha ssir laqgħa magħhom sabiex il-Kunsill jippprova jasal magħhom bil-kelma t-tajba. F'każ li le, nikkuntattjaw lill-MEPA.

871 *(para. 848)* Rigward l-interview, is-Sindku nforma lill-Kunsill li Avukata Maltija, Marfele Camilleri ma tistax tiġi u għalhekk ippropona lil Joseph Xuereb li jaħdem bħala Assistent Prinċipal. Il-Kunsill ma qabilx għaliex il-grad tiegħu hu baxx biex jiċċerja l-board. Il-Kunsilliera kollha pproponew u riedu lil Michael Saliba li hu Assistent Direttur fid-Dipartiment

tal-Ambjent u għandu esperjenza vasta fejn jidħlu l-interviews. Is-Sindku ma qabilx u minkejja li l-Kunsill ried lil Michael Saliba, hu ppropona lin-nutar Christian Zammit. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni li dan hu politikant u ma għandux jkun chairman tal-bord. Is-Sindku għandu jerġa jgħid lil Joe Cordina biex jara jekk jistax joqgħod hu.

872 *(para. 849)* Rigward il-kwotazzjoni 01/2010 għal *galvanized wrought iron fence*, Lawrence ikkonferma bil-miktub li ser jagħmel ix-xogħol.

873 *(para.850)* Rigward ix-xogħol tal-kwotazzjoni 03/2010 għal *galvanized wrought iron stairs* John Cini ikkonferma bil-miktub li ser jagħmel ix-xogħol. Is-Sindku ried li jinbeda x-xogħol. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ewwel il-perit irid jagħmel l-istima tax-xogħlijiet li hemm pendenti mħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

874 *(para. 856)* Rigward il-ftuh tal-uffiċċju nhar ta' Sibt id-Dpartiment irrisponda li l-Kunsill ma jistax jixtri servizzi klerikali.

875 *(para. 859)* Dwar il-bankina ta' Josephine Azzopardi ta' Triq it-Tin inġieb il-materjal sabiex din tkun tista' ssir.

876 *(para. 862)* L-infiorata f'nhar il-festa li ser issir taħt iz-zuntier tal-knisja ser ikollha t-tema taż-żjara tal-Papa. Għal din hemm allokati €550.

877 *(para. 864)* Rigward il-lift għall-bini tal-uffiċċju l-ġdid, is-Sindku ppropona li jkellem lil Joesph Camilleri il-President tal-KNPD sabiex jara jekk joġġezzjonawx li l-lift jasal sat-tieni sular biss, flok sal-bejt għaliex ma hemmx flus biżżejjed biex isir l-lift. Il-perit għandu jerġa' jiġi mitlub biex ilesti l-istima tax-xogħol li sar fuq il-post. Il-Kunsill qabel li waqqaf il-proċess tal-offerta tal-lift għaliex kienet għolja.

878 L-applikazzjoni tal-PPP għall-għoti tat-tarmak fi Triq Falkun u Triq l-10 ta' Otttubru 1942 saret wara li l-perit lesta l-istima ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942. L-istima ta' Triq l-10 ta' Ottubru hi ta' €21,006.39ċ. Ġie nnutat li parti minn din it-triq ġa ngħatat il-*hot rolled asphalt* u għalhekk għandha tintalab reviżjoni tal-istima li saret mill-perit.

## Item 3. Korrispondenza

879 Memo 85/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari numru 18799.

880 Memo 87/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari numru 18973.

881 Memo 88/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari numru 18974.

882 Memo 89/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Kumitati Amministrattivi.

883 Memo 90/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari numru19072.

884 Memo 91/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari dwar kemm oġġetti u servizzi mixtrija il-fuq minn €1,164.69 li ngħataw b'*direct order* mill-2006 sat- 2 ta'Lulju 2010.

885 Memo 92/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-proċedura tal-ħatra ta' Viċ-President fuq kull Kumitat Reġjonali.

886 Memo 93/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta' għajnuna finanzjarja għal korsijiet Life Long Learning. L-informazzjoni għandha tasal għand id-Dipartiment sa l-20 ta' Awwissu 2010. Rigward korsijiet oħra għandha tintbagħat ittra lid-Dipartiment fejn jagħtu l-informazzjoni mitluba:

Jagħti id-dettalji tal-korsijiet li jixtieq jorganizza;
Data meta jixtieq li jinżammu;
Numru ta' parteċipanti li hu maħsub li ser jattendu; u
stima approssimativa ta' kemm ser ikunu l-ispejjeż għal dan it-taħriġ.

Dwar dawn il-korsijiet sar qbil li jsiru korsijiet tas-somom, tal-Malti, tal-Ingliż, tax-Xjenzja, tal-Ispanjol, it-Taljan u Computer awareness fl-użu tal-internet u E-mail.

887 Memo 94/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Skema ta' finanzjament għall-proġetti u inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-lokalitajiet tagħhom.

888 Memo 95/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2011. applikazzjonijiet għandhom jaslu sa nofs inhar ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Settembru 2010.

889 Memo 96/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari numru 18881.

890 Memo 97/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari numru 18885.

891 Memo 98/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari numru 18882.

892 Memo 99/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari numru 19272.

893 Memo 100/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari numru 19273

894 Ittra mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill - Rural Development Programme 2007 – 2010 Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities. Il-Kunsill ġie nfurmat li skont l-aġġudikazzjoni tal-Project Selection Committee l-Kunsill ottjena l-50 marka biex jkun eliġibli għal funding taħt Measure 313. Għalhekk il-Kunsill qiegħed fuq il-lista tar-riserva. Jekk il-Kunsill għandhu jagħmel xi oġġezzjoni jista' jagħmel dan fi żmien għaxar tijiem mid-data ta' din l-ittra. Rigward l-applikazzjoni Measure 323 Conservation and Upgrading of Rural Heritage, il-Kunsill kien fuq l-aħbarijiet li kien eliġibli għal fondi u ser jingħata €56,000 biex jinbena l-ħajt tas-sejjieħ f'Ta' Saguna li jibda mit-tarf ta' Triq Ras in-Newwiela. Dwar dan għad ma għandna xejn uffiċċjalment.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

895 Ittra minn Transport Malta rigward id-*Double Yellow Lines* fi Pjazza tax-Xelina. F'din l-ittra intqal li dawn il-*yellow lines* ġa saru u jridu jitneħħew għaliex ma humiex skont il-Unit Guidelines for Traffic Management Schemes. Il-bank li hemm fl-istess pjazza qed jikrea periklu għaliex qed fil-*carriageway* u jrid jitneħħa. Is-Sindku ma qabilx li l-bank għandu jitneħħa u jekk jitneħħa għandu jsir *assessment* fuq ix-xitla li hemm fil-kantuniera fejn Rozina bar.

896 Ittra risposta minn Transport Malta rigward għat-talba tas-*Sinage of Speed Limit* fi Triq il-Kbira ġew approvati. Trid isir tabella kull fejn ser issir iż-żebgħa ta' *Speed limit 35km/h.* Iridu jsiru wkoll żewġ tabelli fit-trufijiet ta' Triq il-Kbira li jgħidu *Reduce Speed Now*.

897 L-applikazzjoni ta' Daħla taċ-Ċnus ġiet reġistrata mill-MEPA bin-numru PA 02708/10.

898 Ittra mill-MEPA li l-fond tal-UIF hu ta' €23,305.

899 Ittra mill-MEEF rigward it-tieni proġett tal-Kunsilli Lokali Żgħażagħ 2010/11. Żmien hemm sa 30 ta' Lulju 2010.

900 Ittra mill-*Beach Cleaning Section* fejn talbu sabiex isiru 3 Wall Signs f'Mgarr ix-Xini bil-kliem *"No BBQs on Ground, near Walls and Trees"*, kif ukoll 3 signs oħra bil-kliem *Please pick up after your pet* li jeħlu ma' poles eżistenti. Dawn jitwaħħlu mis-sezzjoni stess. Is-Segretarju ġab stima tagħhom mingħand Mario Mallia. Is-Sindku ried li tinġieb stima oħra mingħand Refalo Signs.

901 Ittra mingħand il-perit Edward Scerri rigward il-latrina fil-bajja ta' Mgarr ix-Xini biex il-Kunsill jgħidlu jekk hux ser ikompli bil-proġett biex jirrispondi lill-MEPA. Il-Kunsill qabel li wara l-festa jiltaqa' ma' Victor Borg sid l-art ta' Ċenċ.

902 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali waslet fi ftehim mal-WSC dwar ir-reinstatement tar-toroq meta jkun hemm ħsarat fis-servizzi tal-ilma. B'dan il-ftehim il-WSC se tibda tibgħat il-ħlasijiet dovuti għas-sena 2007. Dan ser isir biss ma' dawk il-Kunsilli Lokali li rrispondew u qablu ma' l-ammonti dovuti. Dawk il-Kunsilli li mhux jaqblu mad-dikjarazzjoni tal-WSC ser jsiru diskusjonijiet bilaterali magħhom sabiex tiġi stabilit min għandu raġun.

903 Cirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward iż-żieda ta' €38 fis-sena mill-Enemalta għall-użu tal-mappa tal-lampi. Ingħataw struzzjonijiet sabiex l-ebda Kunsill ma għandu jagħmel tajjeb għal din iż-żieda. Il-Kunsilli għandhom iħallsu biss €232.94ċ.

904 Ittra mill-MEUSAC rigward EVS - European Voluntary Service u Action 1-1.1 – Youth Exchange

905 Ittra minn certu Chris Gatt fejn talba biex jara jekk jistax isir camping ħdejn il-baħar.

906 Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għal darba oħra kitbet lill-Gatt Tarmak Ltd. rigward ir-*reinstatment* tat-trinek li saru fi Triq Vincenzo Spiteri Caruana għaliex għadhom ma ġewx *reinstated*. Dan sar wara li nġibdet l-attenzjoni tal-korporazzjoni.

907 Ittra mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke rigward il-bookings għall-konferenza tal-ECAD li ser issir f'Settembru li ġej. Kull min kien wera x-xewqa li jattendi għal dik li kienet ser issir f'April, xorta għandhom jerġgħu jibbukjaw.

SANNAT

908 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Memo 78/1010 li ġew infurmati li l-PPCD, bħala l-Awtorita' 4 (Sejħa 9) għal proġetti taħt l-FEŻR 4 ġiet estiża sa' 6 ta' Awwissu 2010.

909 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali qiegħdin jitolbu ħlasijiet esaġerati lil dawk il-kuntratturili jiġbru d-dokumenti dwar is-Sejħa għall-Offerti tal-Ġbir tal-iskart imħallat. Dan għandu ikun bejn €100 u €150. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kunsill Lokali Sannat il-bejgħ ta' dokumenti sar għal €150.

910 Ittra mis-Soċjeta' Mużikali rigward il-ħlas tal-invoice "Insieme sull' Calvario" ta' €120 għaliex il-Kunsill ma ħallasx dan il-pagament ta' JBD. Is-Sindku qal li kienu kelmu lilu fit-triq u l-Kunsill ma kienx infurmat u qal li messhom bagħtu ittra lill-Kunsill biex issir talba formali fil-laqgħa.

911 Il-MEPA hemm xi applikazzjonijiet f'Tal-Lewż għaż-żwiemel u oħra biex jissepara razzett għal diversi attivitajiet bħal baqar, majjali, etc.

**Item 4. Komunikazzjoni mis-Sindku**

912 Festa Santa ta' Margerita

Il-Kunsill għandu joħroġ €100 biex jinxtraw il-medalji għal attivita' sportiva li tiġi organizzata għat-tfal fi Triq Saguna. Din tiġi organizzata minn nies ta' hemmhekk.

Qabel il-festa ser jinġiebu żewġ bowzers ilma biex inaddfu t-toroq bħalma sar fi Triq Ċenċ. Il-ħaddiema tal-CWS għandhom jaħslu dawn it-toroq.

913 Mgarr ix-Xini

Il-Kunsill qabel li jssir tabella *Merħba, Mġarr ix-Xini, Kunsill Lokali Sannat* u titwaħħal fil-bidu ta' Triq Mġarr ix-Xini.

Peress li fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini qed ikun hemm problema sar suġġeriment li jiġi kkuntatjat sid l-għalqa li hemm wara l-gabbana sabiex issir parking temporarju. Is-sid għandu jiġi kkuntatjat. Wisq probabbli jkun jenħtieġ il-permess tal-MEPA.

**Item 5. L-offerti Pendenti**

914 L-offerti tal-Urban Street Cleaning li nxteħtu kienu:

## Tender No. 02/2010

### Tender for the Service of Urban Street Cleaning in Sannat.

Closing date 2nd July 2010 at 12.00 p.m.

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | Nicholas Zammit | € 11,280 |
| 2. | Gregory Stellini | € 8,248 |
| 3. | Sannat Lions F. C | € 8,130 |

Il-Kunsillier Taddeo Bajada ħareġ 'il barra mill-laqgħa għaliex hu l-president ta' Sannat Lions F. C. Il-kuntrattur Nicholas Zammit ippreżenta l-permess tat-*Trade license for industrial cleaning* Il-Kunsill għażel l-irħas waħda li kienet ta' John Buttigieg obo Sannat Lions F. C. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu kkuntatjati sabiex jibdew ix-xogħol b'effett immedjat.

915 L-offerti għat-tindif u manutenzjoni tal-Latrini pubbliċi li nxteħtu kienu:

## Tender No. 03/2010

## Tender for the Service of Cleaning and Maintenance of Public Convenience in Sannat.

Closing date 2nd July 2010 at 12.00 p.m.

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | Jacqueline Refalo | €1,995 |
| 2. | Socjeta' Muzikali Sta. Margerita | €1 ,701 |
| 3. | Sannat Lions F. C. | €1,742 |
| 4. | George Spiteri | €1,791 |

Il-Kunsill għażel l-irħas waħda li kienet ta' Paul Vella obo Għaqda Mużikali Santa Margerita. Dawn għandhom jiġu kkuntatjati sabiex jibdew ix-xogħol b'effett immedjat.

916 Rigward il-kwotazzjonijiet tal-photo copier tħallew għal darba oħra sabiex jiġu evalwati sewwa.

**Item 6. Materja Oħra**

SANNAT

917 Il-Kunsill irid jiffirma l-kuntratt tal-PV System għall-bini l-ġdid li ġie mogħti lil Alberta Fire & Security Ltd.

918 Din il-ġimgħa ġew il-ħaddiema tal-IPSL jiżbgħu s-sinjali tat-toroq. F'każ li jkun hemm bżonn għandha tinxtara iktar żebgħa.

919 Il-Kunsillier Joseph Bajada ppropona li kull meta jsiru applikazzjonijiet għal xi razzett jew stallel fil-lokalita' ta' Sannat għandha ssir oġġezzjoni għand il-MEPA. Il-Kunsill qabel li fil-futur hekk għandu jsir.

**Rapporti tal-Kwotazzjonijiet mill-perit**

920 Il-Perit lesta r-rapport tal-kwotazzjoni għall-kiri ta' vibrator road roller bi driver u kiri ta' ħaddiema.

| Kuntrattur | Road Vibritor | Labrour per hour | Total |
|---|---|---|---|
| Joseph Magro - | €14.95 | €8.50 | €23.45 (driver jista' jintuża bħala labourer) |
| Raymond Gatt | €12.25 | €8.25 | €20.50 |
| Bugeja Brothers | €25.00 | €8.95 | €33.95 |
| Peter Paul Said | €14.30 | €6.90 | €21.20 |
| Pius Attard | €17.56 | €5.50 | €23.06 |
| Lorry Attard | €10.50 | €8.50 | €19.00 |

Il-perit fir-rapport tigħu qal li Joseph Magro offra li d-driver tal-vibrator road roller jista' jintuża bħala labourer għax-xogħol ta' patching li hi ħaġa li finanzjarjament tagħmel l-offerta tiegħu iktar vantaġġjuża. Il-perit qal li dan ippreżenta biss ritratti tal-makkinarju. Peter Paul Said biss ippreżenta it-technical specifications. Kompla qal li jista' jiġi kkunsidrat li Joseph Magro jiġi mitlub jippreżenta it-technical specifications f'dan l-istadju għall-fatt li l-offerta tiegħu kienet l-irħas waħda.

921 **Kiri ta' tipper Truck bi driver għal tagħbija u ħatt ta' cold asphalt bis-siegħa.**

| Kuntrattur | Kapaċita' u volum | | |
|---|---|---|---|
| | 1 | 2 | 3 |
| Joseph Magro - | €20 (3 tons) | €!5 (7 tons) | |
| Bugeja Brothers | €14.80 (4 tons) | €18.90 (8 tons) | €20.80 (20 tons) |


Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

| | |
|---|---|
| Peter Paul Said | €19 |
| Pius Attard | €18.84 |
| Lorry Attard | €11.50 10 tons) |

Il-peirt fir-rapport tiegħu qal li mill-kuntratturi ħadd ma ta l-informazzjoni kompleta u l-Kunsill għandu jew joħroġ sejħa oħra għal kwotazzjonijiet jew jitlob lil-kuntratturi biex bagħtu l-informazzjoni mixtieqa fir-rigward ta' volum u kapaċita' tat-tabgħija tal-vetturi flimkien mal-ispeċifikazjonijiet tagħhom.

922 **Kwotazzjoni għal kiri ta' rubber sheeled shove bid-driver bis-siegħa u kiri ta' tipper truck bid-driver inkluż id-dumping charges.**

| Kuntrattur | Rubber wheeled shovel | Tipper truck |
|---|---|---|
| Joseph Magro | €16.49 | €58.25 (7T Exc. dump. charges)<br>€17.50 (4T Exc. dump. charges)<br>€39.75 (3.5T Exc. dump. charges) |
| Bugeja Bros. | €12.90 (mini wheeled shovel) | (€13.50(4T Exc. dump. charges)<br>€17.50 (4T Exc. dump. charges)<br>€19.50 (20T Exc. dump. charges) |
| Peter Paul Said | €12.90 (Mini wheeled )<br>€21 (Big wheeled shovel) | €27 per truck plus €4.12 dumping charges kull tullenata għal tqattiegħ ta' gebel u €8.24 għal materjal ta' kostuzzjoni. |
| Pius Attard | €13.47 (Mini wheeled<br>€16.57 (large wheeled | €27.91 (small Isuzu truck)<br>€131.26 (large truck) |
| Lorry Attard | €11.50 | €100 (20 tons) |

Il-perit fir-rapport tiegħu qal li l-offerti ta' Joseph Magro u Bugeja Brothers ma jistgħux jiġu kkunsidrati għar-raġuni li dawn eskludew id-*dumping charges*. L-informazzjoni mogħtija mill-kuntratturi l-oħra ma kienitx kompleta u Peter Paul Said ma tax il-volum tat-tagħbija ta' trakk u qal li d-*dumping charges* huma kull tullenata. Pius Attard ma ppreżentax speċifikazzjonijiet jew informazzjoni rigward il-volum tat-trakk. Waqt li Lorry Attard ma ppreżentax speċifikazzjonijiet. Il-perit rrakomanda li jew din is-sejħa tiġi nulla, inkella t-tliet kuntratturi l-oħra jintalbu iktar informazzjoni. Peter Paul Said jiġi nitlub jagħti nformazzjoni dwar it-trakk li qed jikkwota, Pius Attard jiġi mitlub jagħti l-volum u speċifikazjonijiet tat-trakkijiet li qed jikkwota għalihom u Lorry Attard jista' jiġi mitlub jagħti l-ispeċifikazjonijiet tal-apparat.

SANNAT

923 **Kwotazjonijiet għall-provdiment ta' cold asphalt**

| | |
|---|---|
| Gatt Tarmac Ltd. | €68 kull metru kubu |
| Bugeja Brothers Ltd. | €80 kull metru kubu |

Il-perit fir-rapport tiegħu qal li l-kwotazzjoni ta' Gatt Tarmac Ltd. hi l-irħas waħda. Il-Kunsill għażel dik ta' Gatt Tarmac Ltd.

924 Il-Viċi Sindku qal li Josephine Camilleri ta' Triq il-Kbira ilmentat dwar numru ta' ħofor li hemm fl-isqaq fejn toqgħod hi.

925 Skav tal-Loġġa Open Day ser tkun l-Erbgħa, 4 ta' Awwissu 2010.

926 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera jekk iridux jgħidu xi ħaġa.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 29 ta' Lulju 2010 fis-7.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |